# ĊIRKULARI STORIKA GHAT-TAGHLIM TAL-MUŻIKA B'XEJN

F'Settembru ta' l-1933, 'La Società Italiana Degli Autori E Editori' (S.I.A.E.) bagħtet rappreżentant Malta biex jitlob ħlas għad-drittijiet ta' l-Awturi għal kull biċċa mużika li tindaqq fil-pubbliku mill-Baned u Orkestri, kbar u żgħar. Għal din it talba tas-Soċjetà Taljana l-Gvern kien ħareġ 'l hekk imsejħa "COPYRIGHT ACT".

Fl-10 ta' Ottubru, 1933, 'L'Unione Filarmonice Maltesi', li twaqqfet biex tħares l-interessi tal-baned ta' Malta u Għawdex sejħet laqgħa tad-delegati tal-baned fil-każin tal-Banda 'La Valette', u s-segretarju ta' U.F.M. Dott. Giuseppe Flores, għarrafhom li kull Banda jew Orkestra trid tħallas Lm10 fis-sena jew somma ta' flus għal kull programm li jwettqu bħala dritt ta' l-awturi. Id-delegati ddeċidew li l-U.F.M. għandha tagħmel dak kollu meħtieġ biex tinstab soluzzjoni ġusta għal din il-kwistjoni. Wara ħafna taħdit, kitba u qrati, intlaħaq ftehim bejn is-S.I.A.E. u l-U.F.M. li l ħlas tal-copyright ikun ta' £3.3s fis-sena għal kull banda jew orkestra. Wara dan il-ftehim l-U.F.M. xoljiet.

Minkejja dan il-ftehim il-baned ta' Malta u Għawdex baqgħu jqisu dan il-ħlas tal-copyright xejn inqas minn taxxa tas-soċjetà taljana kontra l-baned tal-Gżira li ġa kienu magħfusin bi spejjes kbar biex iżommu Każin u Banda.

F'Jannar ta' 1936, il-Kumitat tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla deherlu li r-rappreżentanti tal-Baned għandhom ikomplu l-kawża dwar il-Copyright Act (li kienet twaqqfet wara li ntlaħaq il-ftehim) u għamel proposta biex tittieħed azzjoni komuni mill-baned biex il-Gvern jimmodifika din il-liġi. Għal dan il-għan il-kumitat tal-Banda San Ġorġ, fil-31 ta' Jannar, 1936 mexxa ċirkulari lill-każini tal-baned fejn talabhom il-kunsens u l-approvazzjoni tagħhom għal 'Memorandum', li t-termini tiegħu kienu mfissra fl-istess ċirkulari, li għandu jintbagħat lill-Gvern sabiex jitolbuh jagħmel provvediment u protezzjoni għall-baned.

Fost ir-raġunijiet li jsemmi l-Memorandum hemm l-ewwel artiklu li huwa ta' importanza kbira. Dan jgħid, "f'dak li jirrigwardja l-mużika l-baned lokali huma verament skejjel tekniċi u bħala tali skejjel, jagħtu lil ulied familji mhux għonja, u l-aktar 'l ulied il-ħaddiema, okkażjoni li jitgħallmu din l-arti mingħajr ma jġiegħlu lill-ġenituri tagħhom iħallsu għal dan it-tagħlim". It-tagħlim tal-mużika bla ħlas huwa l-għan ewlieni ta' kull soċjetà bandistika, u minn dejjem hekk kien. Dan it-tagħlim b'xejn qatt ma ġie miċħud lil ħadd, u kull tifel jew tifla tal-lokal, anki jekk missirijiethom ma jkunux membri tas-soċjetà tal-banda, jistgħu wkoll jieħdu dan it-tagħlim. Għaliex it-tagħlim għandu jedd għalih kulħadd, kemm ikun tagħlim tal-mużika kemm jekk ikun tagħlim ieħor. Kull ma titlob is-soċjetà tal-banda mill-alliev huwa li meta tkun għallmitu, ħarriġtu u għamlitu bandist dan jagħti s-servizzi tiegħu bħala bandist lill-Banda li tkun għallmitu għal

perjodu ta' ftit snin. Dan kull banda tesiġih għaliex inkellha x'inhu l-iskop li jkollok skola tal-mużika jekk l-alliev li jkun tgħallem u sar bandist ma jkunx lest li jimla l-vojt li jinħoloq fil-banda minn bandisti kbar li għal xi raġuni jew oħra ma jibqgħux jagħtu s-servizzi tagħhom lill-banda.

Raġuni oħra msemmija f'din iċ-ċirkulari storika hija l-fatt li, "Il-baned f'Malta u Għawdex huma istituzzjoni soċjali ta' importanza għall-edukazzjoni tal-kotra u din il-ħidma mill-baned mhix ta' benefiċċju biss għall-individwu imma għal pubbliku ġenerali". Dan għaliex il-programm li tagħmel banda huwa trattenimenti pubbliku li jġib a konoxxenza tal-pubbliku l-aħjar u l-isbaħ mużika ta' kompożituri li jpaxxu l-ispirtu u l moħħ u b'hekk tistagħna l-kultura tal-poplu.

Dan il-prinċipju jgħarfu kull Gvern li għandu għal qalbu l-edukazzjoni u l-kult tal-poplu. Tant hu minnu dan li l-Gvern Soċjalista biex igħallem il-mużika lit-tfal tal-poplu fetaħ il-"Johann Straus School of Music" fejn surmastrijiet ta' ħila fil-mużika jgħallmu mingħajr diskriminazzjoni kull tifel u tifla li jħossu nklinazzjoni u ġibda lejn din l-Arti u dan mingħajr ma l-ġenituri tagħhom iħallsu ċenteżmu għax it-tagħlim f'din l-iskola jingħata b'xejn bħalma jingħata fil-każini tal-baned. Mhux biss dan, iżda biex aktar ixerred il-kultura mużikali fost il-poplu l-Gvern iniedi konkorsi tal-baned u jagħti premjijiet ta' somom ta' flus konsiderevoli lill-banda li toħroġ rebbieħa f'dan il-konkors.

Minn dan li għidna wieħed jara kemm importanti u storika kienet iċ-ċirkolari li l-każin tal-Banda San Ġorġ mexxa lill-Każini tal-Baned u li fiha ħeġġeġ lill-kumitati tal-baned ta' Malta biex jibagħtu l-'Memorandum sabiex il-Gvern tal-ġurnata jimmodifika u jagħmel ċerti provvedimenti fil-liġi tal-Copyright'. Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla hija kburija li kienet il-promotriċi ta' din iċ-ċirkolari — Memorandum', u għalkemm il-Baned ta' Malta ma rnexxietlhomx jirbħu l-ġlieda tal-Copyright Act, il-Gvern ġustament kien ħass il-ħtieġa li jikkonċedi u jagħti lill-każini tal-baned il-Banka tal-Lottu u permessi għal fieri fil-ġonna pubbliċi u fl-iskejjel governattivi, u għal-logħob ta' tombolini fil-każini biex b'dawn il-mezzi jkollhom il-finanzi u jkunu jistgħu jlaħħqu mhux biss ma l-ispiża ġdida li ħarġet mil-liġi tal-'copyright' iżda wkoll l-ispejjes kbar li kull Għaqda Bandistika kellha u għad għandha biex iżżomm Każin u Banda.

**Armando Seychell**
Viċi President